MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 406/2010

**Fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 541/10 fl-ismijiet :**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

***kontra***

**John Azzopardi [707853M]**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-22 ta` April 2010 li jaqra hekk –

*1. Premess illi gie ezegwit fil-konfront ta` l-esponenti l-mandat ta` sekwestru esegwit f`dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Il-kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs John Azzopardi" numru 541/10 ghas-somma ta` €42,984 ;*

*2. U Billi l-istess mandat gie esegwit in segwitu ghal "Kreditu rez ezegwibbli permezz ta` l-ittra ufficjali bin-numru 2914/08 datata 23 ta` Settembru 2008 debitament notifikata lid-debitur fis-6 ta` Gunju 2009" (u dana kif dikjarat fl-istess mandat) ;*

*3. U Billi ghalkemm huwa minnu li l-esponenti kien ircieva l-ittra ufficjali in kwistjoni, minn liema ittra ma kinitx saret opposizzjoni ai termini ta` l-artiklu 466 tal-Kap. 12, fil-fatt l-esponenti kien tkellem ma` rappresentant tal-Kummissarju intimat u wara li kien hallas ammont, kien infurmah li ma kellux ghalfejn jagixxi fuq dik l-ittra, tant li fit-30 ta` Gunju 2009 ircieva ittra mill-istess Kummissarju fejn l-ammont pretiz gie ridott konsiderevolment (kopja ta`liema ittra hija hawn annessa bhala dokument 'A') ;*

*4. U Billi ftit wara l-istess esponenti rcieva avviz iehor datat l-14 ta` Jannar 2010 fejn gie maghruf illi l-bilanc minnu dovut bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa ta` **€29,156.57** (kopja ta` liema ittra hija hawn annessa bhala dokument 'B'). Jigi rilevat li dan it-tieni avviz huwa soggett ghal Appell kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala dokument 'C') ;*

*5. U Billi fil-fatt l-esponenti gie nfurmat li kellu jinjora l-istess avviz fuq imsemmija (tal-14 ta` Jannar 2010) u dana stante li prezentement hemm kawza kostituzzjonali pendenti fl-ismijiet 'Azzopardi John noe vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (li ggib in-numru 8/2010 u li hija appuntata ghat-23 ta` April 2010). Ghall-informazzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti dina l-kawza hija wahda insegwita ta` ohra fl-istess ismijiet li kienet giet*

*dikjarata dezerta u fejn l-esponenti qieghed jallega ksur tad-dritt ta` smigh xieraq fil-proceduri li beda sabiex jopponi ghal ammont likwidat bhala dovut ghat-taxxa fuq il-valur mizjud mill-Kummissarju intimat u dana minhabba nuqqasijiet procedurali ta` l-Kummissarju intimat u peress li ma kienx gie nfurmat bl-ismigh ta` l-opposizzjoni tieghu l-posizzjoni tieghu giet pregudikata – din il-kawza hija appuntata ghas-smigh ghal nhar il-Gimgha 23 ta` April 2010 ;*

*6. U Billi zewg mandati li kienu saru mill-Kummissarju intimat fil-konfront tal-esponenti fis-sena 2007 u li jgibu n-numri 921/07 u 922/07 fir-registru ta` dina l-Onorabbli Qorti t-tnejn gew imnehhija minhabba pagament ;*

*7. U Billi la fl-ittra ufficjali mertu tal-mandat de quo u lanqas fl-avviz ta` Jannar 2010 ma jinghata spjega tal-bilanc dovut mill-esponenti u fic-cirkostanzi ghandu jigi presunt li l-ahhar avviz jindika l-bilanc li skond il-kalkoli tal-Kummissarju intimat huwa realment dovut sal-14 ta` Jannar 2010 ;*

*8. U Billi ghalhekk l-ammont kif dedott fl-ittra ufficjali de quo evidentement m`ghadhiex dovut fl-intier taghha u b`hekk ma kienx lecitu li jinhareg mandat ta` sekwestru ezekuttiv fuq l-istess ammont u inoltre fuq l-ammont li allegatament ghadu dovut ghadhom pendenti proceduri kemm gudizzjarji u kif ukoll appell quddiem il-Bord ta` l-Appelli ;*

*9. U Billi ghalhekk l-esponenti qieghed jopponi ghat-titolu ezekuttiv u l-mandat premessi ai terminu ta` l-Artikolu 467 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li tiddikjara li l-esponenti ma*

*ghandha taghti xejn lill-Kummissarju intimat kif minnu pretiz u kull dikjarazzjoni ohra opportuna u xierqa :*

*(1) Tiddikjara li l-pretenzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dedotta fl-ittra ufficjali premessa (numru 2914/08) illum-il gurnata hiija nfondata ;*

*(2) Tiddikjara li jezistu l-estremi ghall-opposizzjoni tal-mandat ta` sekwestru premess numru 541/2010 u t-titolu ezekuttiv ottenut permezz ta` l-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008 kif fuq inghad u ghal kwalsiasi raguni ohra li tista` tirrizulta fil-mori tar-rikors ;*

*(3) Tirrevoka u thassar l-effetti kollha tal-mandat ta` sekwestru numru 541/2010 u kif ukoll tal-ittra ufficjali premessa ai termini ta` l-artikolu 467 tal-Kap 12 u dana salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjes u l-ingunzjoni ta` l-intimati in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotorju.

Rat ir-risposta prezentata fl-<u>4 ta` Mejju 2010</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, ir-rikors ta` John Azzopardi huwa null in kwantu bbazat fuq l-artikolu 467 tal-Kap. 12. L-imsemmi artikolu japplika biss fir-rigward ta` "Kull titolu esekuttiv mahrug skond id-disposizzjonijiet ta` l-artikolu ta` l-ahhar ta` qabel dan..." u cioe` kull titolu esekuttiv mahrug ai termini ta` l-artikolu 466 tal-Kap. 12 liema artikolu m`huwiex applikabbli fil-kaz odjern in kwantu l-ittra ufficjali bin-numru 2914/08 mibghuta lir-rikorrent (u bis-sahha ta` liema nhareg il-mandat mertu*

*tar-rikors de quo) giet mahruga ai termini ta` l-artikolu 59 tal-Kap. 406 li jipprovdi illi -*

*"(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xhieda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghalhekk jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista` jitlob il-hlas ta` kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna,* ***il-Kummissarju jista` jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta` talba ghall-hlas li ssir permezz ta` att gudizzjarju."***

*Illi ghalhekk, din hija ligi specjali li tirregola l-procedura li biha l-esponenti ghandu jimxi sabiex jigbor l-ammonti dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud filwaqt li l-artikoli 466 u 467 tal-Kap.12 ma jinkwadrawx ruhhom u m`humiex applikabbli ghal din il-procedura u kwindi t-talbiet rikorrenti ma jistghux jigu milqugha a bazi ta` l-istess artikoli.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, huwa palesi illi r-rikorrent qed jikkonfondi u mhux qed jiddistingwi bejn l-ammonti minnu dovuti lill-esponenti ai termini ta` l-Att tal-**1994** u l-ammonti minnu dovuti lill-esponenti ai termini ta` l-Att tal-**1998**.*

*Il-mandat ta` sekwestru in ezami, u cioe` bin-numru 541/2010, huwa mahrug bis-sahha tal-kreditu rez ezegwibbli permezz ta` l-ittra ufficjali bin-numru 291408 (kopja tannessa bhala Dok. VAT1). Din l-ittra nharget ghall-ammont ta`€42,984 ai termini ta` l-Att tal-**1994, kif indikat fl-istess ittra**. L-avvizi mibghuta lir-rikorrent datati 30 ta` Gunju 2009 u l-14 ta` Jannar 2010 (annessi mar-rikors bhala Dok. A u Dok. B rispettivament) jindikaw ammont ta` €25,970.36 dovut ai termini ta` l-Att tal-**1998, kif indikat fl-istess avviz.***

*Illi ghalhekk, jirrizulta bic-car illi hemm zewg ammonti differenti dovuti mir-rikorrent lill-esponenti skond zewg sistemi ta` taxxa differenti, kif ser jigi ppruvat ahjar fit-trattazzjoni tar-rikors.*

*3. Illi huwa minnu li l-avviz Dok. B jindika illi f`kaz li hemm appell quddiem il-Bord ta` l-Appell jew il-Qorti ta` l-Appell tali avviz ghandu jigi injorat, pero` gia inghad illi dan l-avviz jirrigwarda ammont dovut skond l-Att tal-1998 u kwindi ghal ammont totalment differenti u dovut indipendentement mill-ammont dovut ai termini ta` l-Att tal-1994.*

*Illi kif gia inghad, il-mandat mertu tar-rikors de quo inhareg ghall-ammont ta` €42,984 dovut ai termini ta` l-Att tal-1994 ghal liema ammont m`hemm l-ebda appell pendenti quddiem il-Bord ta` l-Appelli tal-VAT jew quddiem il-Qorti ta` l-Appell u kwindi m`hemm l-ebda impediment ghall-hrug tal-istess mandat, mahrug bis-sahha ta` titolu ezekuttiv.*

*4. Illi b`referenza ghat-tielet paragrafu tar-rikors ta` John Azzopardi, huwa minnu illi r-rikorrent kien tkellem ma` rappresentant tal-esponenti u fil-fatt l-ammont li thallas kien a bazi ta` ftehim ta` pagament milhuq ma` l-esponenti, pero` apparti l-fatt li dan il-ftehim ma giex onorat mir-rikorrent, dan il-ftehim kien jirrigwarda ammont*

*dovut skond l-Att ta` l-1998, liema ftehim gie milhuq wara li ntbaghtet l-ittra ufficjali bin-numru 1302/07 ghall-ammont ta` €49,598.18 dovut ai termini ta` l-Att tal-1998.*

*Illi ghalhekk, l-informazzjoni moghtija mir-rikorrent f`dan il-paragrafu hija totalment irrelevanti ghall-kaz odjern in kwantu tikkoncerna l-ammont dovut indipendentement mill-ammont indikat fil-mandat in ezami.*

*5. Illi b`referenza ghas-sitt paragrafu tar-rikors ta` John Azzopardi, jigi rilevat fl-ewwel lok illi l-mandati ta` sekwestru mahruga mill-esponenti fil-konfront tar-rikorrent fis-sena 2007 ma jgibux in-numri 921/07 u 922/07 izda jgibu n-numri 865/07 u 866/07, l-ewwel wiehed mahrug ghal ammont dovut ai termini ta` l-Att tal-1994 u t-tieni wiehed ghal ammont dovut ai termini ta` l-Att tal-1998, u fit-tieni lok, dawn il-mandati msemmija gew revokati mill-esponenti stess in vista tal-ftehim ta` pagamnet hawn fuq imsemmi milhuq mar-rikorrent ghat-taxxa dovuta skond l-Att tal-1998, pero` sabiex ikunu jistghu jigu onorati l-pagamenti miftiehma, naturalment inhareg kontro-mandat fil-konfront taz-zewg mandati. Illi kif gia inghad, dan il-ftehim ma giex onorat mir-rikorrenti.*

*6. Illi b`referenza ghas-seba` paragrafu tar-rikors ta` John Azzopardi, gia inghad illi l-ammonti ndikati fl-ittra ufficjali numru 2914/08 u fl-avviz Dok. B huma differenti in kwantu jirraprezentaw ammonti dovuti ghal zewg tax systems differenti kif indikat fl-istess ittra u avviz u ghalhekk m`huwiex minnu illi ma tinghatax spjega tal-bilanc dovut mill-esponenti fl-imsemmija ittra u avviz.*

*7. Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` r-rikorrent li kienet prezentata b`nota fis-26 ta` Mejju 2010, flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mal-affidavit.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Ottubru 2010.

Rat in-nota spjegattiva li r-rikorrent pprezenta fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2010.

Rat in-nota responsiva li l-intimat ipprezenta fl-udjenza tal-25 ta` Novembru 2010.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-20 ta` Jannar 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Fl-affidavit tieghu, ir-rikorrent jaghti l-isfond tal-kwistjoni mill-ottika tieghu.

Jixhed illi fis-26 ta` Dicembru 1996 l-intimat hareg stima ta` taxxa fl-ammont ta` Lm 18,324 (€42,683.43). Hu oggezzjona u mela l-formola tal-appell fl-1997. Dwar l-appell, ma sema` xejn. Xi snin wara, indaga u kien infurmat mill-ufficju tal-VAT illi l-appell tieghu ma setax jinstab u ghalhekk qalulu biex jimla formola ohra. Dan sar fis-26 ta` Ottubru 1999 u hallas depozitu ta` xi Lm 4500.

F`din it-tieni formola ghamilha cara li kien qieghed jipprezenta dik il-formola ghaliex l-original kien intilef. L-appell beda jigi trattat mill-Bord tal-Appelli fl-2004. Fi stadju meta l-process ma kienx ghadu mitmum, kien infurmat li l-appell kien dikjarat null ghaliex l-appell dahal tard. Ghalhekk irrikorra ghall-procedura kostituzzjonali.

Fir-rikors promotorju, ir-rikorrent imur mill-ewwel lejn il-kwistjoni u jressaq il-pretensjoni tieghu kemm fuq il-fatti kif jarahom hu kif ukoll fuq id-dritt.

Jirrizulta li kontra r-rikorrent kien esegwit il-Mandat ta` Sekwestru Esekuttiv fl-ismijiet "*Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud vs John Azzopardi*" Nru. 541/2010 ghas-somma ta` €42,984. Il-Mandat kien prezentat ghaliex ir-rikorrent kien baqa` nadempjenti wara li fis-6 ta` Gunju 2009 kien notifikat b`ittra ufficjali Nru. 2914/2008 li l-intimat kien ipprezenta kontrih fit-23 ta` Settembru 2008 (Dok VAT1)

Ir-rikorrent ighid li bil-procedura tal-lum huwa qieghed jopponi t-titolu ezekuttiv u l-mandat abbazi tal-Art.467 tal-Kap.12.

Ir-rikorrent jaccetta li kien ircieva din l-ittra ufficjali u li ma kien ghamel l-ebda opposizzjoni ghaliha *kif ighid hu* skond l-Art.466 tal-Kap.12.

Skond ir-rikorrent, huwa ighid li ghamel hekk ghaliex ighid li kien tkellem ma` rappresentant tal-intimat, u wara li hallas ammont, kien infurmat li ma kienx hemm ghalfejn jagixxi fuq l-ittra ufficjali. Fil-fatt, skond ir-rikorrent, fit-30 ta` Gunju 2009 (Dok A), Martin Buttigieg mid-Dipartiment tal-VAT kitiblu biex ihallas €25,970.36, u cioe` ammont inferjuri ghal dak tal-ittra ufficjali.

Fl-ittra Dok A, issir riferenza ghall-Art.59(2) tal-Kap.406.

Fl-14 ta` Jannar 2010, l-intimat rega` kiteb lir-rikorrent (Dok B) fejn rega` ghamillu riferenza ghall-Art.59(2) tal-Kap.406 u nterpellah biex ihallas somma ta` €29,156.57c. Fl-ittra jinghad illi *f`kaz li ghandek appell quddiem il-Bord tal-Appelli jew il-Qorti tal-Appell inti mitlub biex ma tihux konjizzjoni ta` dan l-avviz.*

Ir-rikorrent isostni li huwa kien ressaq appell minn dan it-tieni avviz. Isostni li huwa injora t-tieni avviz anke ghaliex kien hemm pendenti kawza kostituzzjonali fl-ismijiet *'Azzopardi John noe vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud'* (Nru.8/2010). F`dik il-kawza, ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt ta` smigh xieraq fil-proceduri fejn oppona l-ammont likwidat bhala dovut ghat-taxxa fuq il-valur mizjud.

Ir-rikorrent ighid li la fl-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008 u lanqas fl-avviz ta` l-14 ta` Jannar 2010 ma kien spjegat lilu kif l-intimat wasal ghall-figura li taghha kien qieghed jitlob il-hlas.

Ir-rikorrent jikkontesta bhala mhux lecita l-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008 kemm ghaliex kien reklamat ammont ta` €42,984 kif ukoll ghaliex kienu pendenti l-proceduri kostituzzjonali u quddiem il-Bord tal-Appelli.

Fuq bazi ta` dritt, il-kontestazzjoni principali tal-intimat hija li r-rikorrent ma setax jipprocedi kontrih skond l-Art.466 tal-Kap.12 meta l-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008 saret skond l-Art.59 tal-Kap.406.

Fuq bazi ta` fatt, l-intimat isostni li ma hemm l-ebda kontradizzjoni fl-ammonti li ghalihom r-rikorrent kien interpellat.

Jirrizulta li l-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008 saret skond l-Art.59 tal-Att XII tal-1994 (Dok VAT1) ghall-ammont ta` €42,984. Il-Mandat sar in segwitu ghan-notifika ta` dik l-ittra ufficjali lir-rikorrent fis-6 ta` Gunju 2009. Skond ir-rikorrent, ma sar l-ebda appell fir-rigward ta` dak l-ammont.

Skond l-intimat, l-ammont ta` €25,970.36 huwa differenti u kien reklamat skond il-Kap.406 kif ighidu l-avvizi esebiti mir-rikorrent stess. Ghalhekk li l-avviz kellu jigi injorat fil-kaz ta` appell kien jirreferi kjarament ghal ammonti pretizi skond il-Kap.406.

Skond l-intimat, ma sar l-ebda ftehim mar-rikorrent dwar l-ammont pretiz mir-rikorrent skond l-Att XII tal-1994.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Huwa r-rikorrent li jixhed illi fis-26 ta` Dicembru 1996 l-intimat hareg stima ta` taxxa fuq il-valur mizjud fl-ammont ta` Lm 18,324 (€42,683.43).

Huwa evidenti li dik it-taxxa kienet reklamata mill-intimat skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tal-1994 (Att XII tal-1994).

Fuq l-iskorta tad-dokumenti esebiti, meqjusa fl-assjem taghhom, jirrizulta li l-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008 (Dok VAT1) li kienet segwita mill-Mandat ta` Sekwestru de quo kienet prezentata skond l-Art.59 ta` l-Att XII tal-1994 kif ighid l-att gudizzjarju stess.

Ghalkemm l-Att XII tal-1994 kien revokat bl-Att XXIII tal-1998 (Kap.406 tal-Ligijiet ta` Malta), il-legislatur kien dahhal disposizzjoni transitorja fl-Art.85(2) tal-Kap.406 fis-sens illi d-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud 1994 kellhom jibqghu japplikaw sal-limitu li kienu japplikaw minnufih qabel l-1 ta` Jannar 1999.

L-Art.59 tal-Att tal-1994 u tal-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huma disposizzjonijiet bhal xulxin.

Il-kwistjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha hija jekk ir-rikorrent jistax jinvoka l-Art.467 tal-Kap.12 sabiex ihassar l-effetti tal-Mandat li kien sar skond il-procedura kontemplata bl-Art.59.

<u>L-Art.467 tal-Kap.12</u> jaqra hekk –

*(1) Kull titolu esekuttiv mahrug skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu tal-ahhar ta' qabel dan fin-nuqqas ta' xi oppozizzjoni mid-debitur ghandu jigi revokat jekk, meta ssir talba permezz ta' rikors li jigi prezentat fi zmien ghoxrin jum mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-titolu jew ta' kull att gudizzjarju iehor li fih issir referenza ghal dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu tal-ahhar ta' qabel dan matul il-perijodu li fih id-debitur seta' jopponi u li t-talba li tinsab f'dik id-dikjarazzjoni tkun infondata fil-mertu.*

*(2) Ebda oppozizzjoni hlief dik li hemm specifikatament provdut dwarha f'dan l-artikolu u fl-artikolu tal-ahhar ta' qabel dan ma ghandha twaqqaf il-hrug jew l-esekuzzjoni ta' xi att esekuttiv mahrug bis-sahha ta' dak l-artikolu jew ir-rifuzjoni tar-rikavat miksub minn xi mandat jew bejgh b'irkant li jsiru bi prosegwiment ta' dak l-att.*

Din id-disposizzjoni qeghda tirreferi ghall-Art.466 tal-Kap.12 li tghid –

*(1) Meta kap ta' dipartiment tal-Gvern jew ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta jew rapprezentant tieghu jrid jagixxi ghall-hlas ta' kreditu li jkollu jiehu d-dipartiment li tieghu huwa jkun il-kap, jew li jkollha tiehu xi amministrazzjoni ta' dak id-dipartiment, dwar kull servizz, provvista, kera jew ghal dritt ta' xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista' jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut.*

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.*

*(3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh f'jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien.*

*(4) F'kazijiet ta' xorta urgenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull zmien perentorju bhalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jigi notifikat lill-parti l-ohra.*

Fis-sentenza taghha tal-4 ta` Dicembru 1998 fil-kawza “**Direttur tal-Kummerc vs Scerri**”, il-Qorti tal-Appell evalwat il-portata tal-Art.466 tal-Kap.12 qabel u wara l-emendi skond l-Att XXIV tal-1995 u qalet hekk –

*… l-Art 466 tal-Kap 12 kien mahsub biex jipprovdi l-procediment ezekuttiv partikolari ghall-Gvern biex jigi assigurat il-hlas tal-krediti lilu dovuti, pero' ma kienx lanqas kif kien dak iz-zmien redatt, jeskludi l-possibilita` lid-debitur esekutat jikkontesta l-pretensjoni tal-Gvern kif dedott f'dak il-mandat.*

*Dak l-artikolu u ohrajn sussegwenti allura jiddistingwu bejn l-esigibilita' immedjata tal-kreditu pretiz mill-Gvern u d-dritt tad-debitur li jhossu aggravat bi procedura specjali tentata kontra tieghu biex jikkontesta l-pretensjoni tal-kap tad-dipartiment u jitlob mhux biss dak illi gie minn ghandu elevat biex jinbiegh imma wkoll il-hlas tad-danni minghand il-Gvern … … Dan qabel ma giet fis-sehh l-emenda bl-Att XXIV ta' l-1995 li radikalment biddlet in-natura ta' dan il-procediment specjali billi assigurat lill-ezekutat mezz xieraq ta' difiza kontra kull arbitrarjeta`.*

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2010 fil-kawza “**Farrell vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**” il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lill'hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz* ***Azzopardi v. Azzopardi****, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, “il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed” …*

*Din il-Qorti, fil-kuntest ta' talba ghat-thassir ta' titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni,*

*f'kuntest simili ghal dan il-kaz, u fejn ir-rikorrent ried jikkontesta dak it-titolu fuq il-kawzali li "l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti" (kawzali kwazi identika ghal dik li ressaq ir-rikorrenti odjern bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu), fil-kawza* ***Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni****, deciza fit-28 ta' Mejju, 2010, kienet osservat illi la darba ir-rikorrent kellu kull opportunita`, fit-termini impost mil-ligi, li jikkontesta dawn l-istimi, izda naqas li jaghmel dan, ma setax aktar jikkontesta l-meritu ta' dawk l-istimi.*

**Ma jirrizultax li r-rikorrent ikkontesta t-talba ghall-hlas ta` €42,984 kif dedotta fl-ittra ufficjali tat-23 ta` Novembru 2008 bil-procedura kontemplata bl-Att XII tal-1994.**

Fis-sentenza taghha fil-kawza "**Farrell vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" (op. cit.) il-Qorti tal-Appell kompliet ticcita mis-sentenza taghha fil-kawza "*Gatt vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*" kif gej –

***… La l-Artikolu 466 u lanqas l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma jistghu jitqiesu li jghoddu ghall-kaz, ghax l-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx taht l-Artikolu 466 u lanqas ma hija mandat taht l-Artikolu 273 tal-imsemmi Kodici. Jidher, ghalhekk, li l-ligi ma taghtix ir-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent b'dan ir-rikors.***

Imbaghad kompliet hekk –

*… Dan kollu jghodd mutatis mutandis ghal dan il-kaz fil-kuntest tal-VAT u l-Kap. 406 aktar qabel imsemmi, partikolarment l-Artikoli 59, 43, 44 u 47 ta' din il-ligi. Din il-Qorti, fil-kaz imsemmi ta'* ***Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni****, kienet ezaminat ukoll ilment marbut mad-dritt ghas-smigh xieraq, u kienet cahditu wara li osservat li ilment simili ma jistax jigi milqugh meta dak li jkun ikun*

*naqas li jsegwi l-mod ta' kontestazzjoni li l-ligi specifika tkun ipprovdiet ghal min ma jkunx qed jaqbel mal-istimi mahruga.*

Fis-sentenza taghha tal-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Medairco Limited (C1697) et**" il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid in linea generali dwar kif ghandu jigi reklamat l-ammont li tieghu jkun pretiz il-hlas mill-intimat –

*Ghar-rigward tal-avviz, jidher li l-interpellazzjoni saret ghal somma wahda minghajr breakdown ta' x'inhu dovut bhala taxxa, bhala penali u bhala imghax ; l-istess sar fl-ittra ufficjali li suppost giet reza ezekuttiva. Din il-Qorti tara li ghalkemm il-ligi ma tghidx espressament li l-avviz ghandu hekk jiddistingwi, fl-interess tad-drittijiet tal-pagatur, hu importanti li dan il-breakdown isir. Min jircievi talba ghal hlas ta' taxxa, ghandu terminu fatali li fih jista' jikkontesta t-talba, u dan it-terminu huwa moghti kollu lill-pagatur, li m'ghandux jigi mgieghel "jahli" xi zmien minn dan it-terminu billi jigri wara ufficjali tad-dipartiment halli jitlob kjarifiki dwar is-sors tat-talba. It-terminu ghal kontestazzjoni ghandu jithalla kollu a disposizzjoni tat-taxpayer, li ghandu dritt li mill-ewwel, jinghata breakdown tas-somma mitluba, biex ikun jaf x'ghandu jikkontesta u lil min jikkonsulta biex jikkontesta liema partijiet mis-somma reklamata. In vista tal-fatt li dan in-nuqqas irendi l-avviz in kwistjoni difettuz, u hu ta' pregudizzju ghal jedd tac-cittadin li jikkontesta l-pretensjonijiet tal-fisku …*

Din il-Qorti ma ssibx li kien vjolat dan il-principju ta` korrettezza u buon sens fil-kaz tal-lum. Ir-rikorrent jaccetta li fis-26 ta` Dicembru 1996 kien ircieva avviz bl-istimi ta` taxxa pretiza minnu fl-ammont ta` Lm 18,324. Ghalkemm ma kienux prezentati dokumenti f`dan il-kuntest, ma jidhirx li r-rikorrent dak iz-zmien ikkontesta bhala fatt li l-avviz kien sprovvist minn dettalji spjegattivi. Anzi jghid li kien ressaq appell minn dik l-istima, liema appell, skond ir-rikorrent, kien mar smarrit tort tal-intimat

jew impjegati tieghu. L-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008 tirrigwarda hlas ta` taxxa pretiza bhala dovuta mill-intimat taht l-Att XII tal-1994. Huwa probabbli ferm li dik kienet it-taxxa li accenna ghaliha r-rikorrent fil-parti tal-bidu tal-affidavit tieghu. Eppure din il-Qorti trid tenfasizza li r-rikorrent ma rregistrax kontestazzjoni ghal dik l-ittra ufficjali kif tghid il-ligi li ghaliha kien qieghed jirreferi dak l-att gudizzjarju.

Fil-provvediment li propju din il-Qorti kif presjeduta kienet tat fit-30 ta` Settembru 2010 fil-kawza "**Farrell vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**" li kif rajna kien konfermat b`sentenza tal-Qorti tal-Appell (op. cit.) kienet trattata l-kwistjoni meta l-intimat odjern jikseb titolu ezekuttiv skond l-Art.59 u r-rikorrent jittenta li jimpunja t-titolu ezekuttiv skond l-Art.466 tal-Kap.12. Hemm kien inghad hekk –

*… Ir-rikorrent iddikjara li kien qed iressaq din il-kawza halli* ***jattakka t-titolu ezekuttiv ottenut*** *mill-Kummissarju intimat fil-konfront tieghu (enfasi ta' din il-Qorti).*

*Ghalkemm ir-rikorrent ma ccitax id-disposizzjoni tal-ligi li fuqha kien qieghed isostni l-istanza tieghu, din il-Qorti tifhem li ried jagixxi skond l-**Art.466 tal-Kap.12**.*

*Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, din il-Qorti tghid li r-rikorrent ma jistax isib sostenn minnha ghal dawn ir-ragunijiet –*

*1) Sabiex jesigi l-hlasijiet li kien qed jippretendi bhala dovuti mir-rikorrent, il-Kummissarju dwar il-Valur Mizjud ma adottax fil-kaz tal-lum il-procedura kontemplata bl-Art.466.*

*2) L-ittri ufficjali fol 5 u 6 ma jaghmlux riferenza ghal xi dikjarazzjoni mahlufa kif previst mis-subinciz (1) ta' dak l-artikolu.*

*3) Fi kwalunkwe kaz, ghalkemm kien notifikat biz-zewg ittri ufficjali fl-20 ta' Novembru 2009, baqghet ma kenitx segwita l-procedura li jahseb ghaliha s-subinciz (2) tal-istess artikolu.*

*L-intimat ghamel il-posizzjoni tieghu cara kemm fl-ittri ufficjali fuq riferiti kif ukoll fir-risposta ghall-azzjoni tar-rikorrent li kien qieghed jagixxi bis-sahha tal-**Art.59 tal-Kap.406**.*

*Minn ezami ta' din id-disposizzjoni, jirrizulta bl-aktar mod car li filwaqt li jirrikonoxxi li kontrih kien **ottenut** titolu ezekuttiv, il-procedura tal-lum tentata minnu ma tistax izzomm l-effetti tal-istess Art.59.*

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat kellu dritt jittenta li jigbor it-taxxa dovuta mir-rikorrent skond l-Att XII tal-1994 bis-sahha tat-titolu ezekuttiv li akkwista bil-proceduri stipulati mil-ligi. Din il-Qorti ma tarax kif r-rikorrent jista' jahrab mir-rejalta' guridika illi l-mandat de quo akkordat favur l-intimat kien wiehed skond il-ligi u kien gie res ezegwibli permezz ta' talba ghall-hlas u l-ittra ufficjali tat-23 ta` Settembru 2008. Ghal din il-Qorti, dawk il-proceduri indubbjament ikkristallizzaw id-dritt tal-intimat illi b`mod assolut jitlob dak illi skond il-ligi kien dovut.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------